MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 79/1997/1

**J. Lautier Co. Limited**

**vs**

**Ultraservices Limited u b'digriet tal-20 ta' Marzu, 1997 gie kjamat in kawza Ivan Cutajar**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u

tmien liri Maltin, erbghin centezmi (Lm21,908.40) import ta’ fornitura, manifatturar u tqeghid ta’ aluminuim u hgieg fix- “showroom’’ tas-socjeta’ Joseph Bezzina & Company Limited li tinsab f’Aldo Moro Street, il-Marsa u dan in esekuzzjoni ta’ ftehim privat li kien jezisti bejn is-socjeta’ attrici u dik konvenuta, liema import jinsab illum dovut ghad illi x-xoghol miftiehem taht l-imsemmi ftehim jinsab ultimat u kompletat;

Peress illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas maghmula mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta, din ta’ l-ahhar baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex tikkundannaha thallas is-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf, disa’ mija u tmien liri Maltin, erbghin centezmi (Lm21,908.40) import ta’ fornitura, manifatturar u tqeghid ta’ aluminuim u hgieg fix-‘’showroom’’ tas-socjeta’ Joseph Bezzina & Company Limited li tinsab f’Aldo Moro Street, il-Marsa in esekuzzjoni ta’ ftehim privat li kien jezisti bejn is-socjeta’ attrici u dik konvenuta, import li jinsab dovut li baqa’ ma thallasx u dan kollu bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-Artikou 167 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili in vista tal-affidavit ta’ Joseph Lautier.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici J. Lautier Co. Limited a fol.3 tal-process:

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ ULTRASERVICES LIMITED** a fol.12 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi sabiex f’din il-kawza jigu skjariti il-vertenzi kollha li tohloq, hemm bzonn li jigi kjamat in kawza Ivan Cutajar, li originarjament kien qed jahdem fuq dan l-appalt mas-socjeta’ attrici izda iktar l-quddiem kompla l-appalt f’ismu propipo.

Illi fil-meritu, t-talba attrici hija infondata ghaliex is-socjeta' attrici thallset kollox jew kwazi kollox, li ghandha tiehu in forza tal-obbligazzjoni msemmija fic-citazzjoni, u dan billi l-kuntratt gie mahlul qabel ma gie kompletat, u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-istess socjeta' attrici, u id-depozitu illi s-socjeta' kienet hallset, ikopri ix-xoghol attwalment fornit mis-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **il-kontro talba** tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha s-socjeta' attrici ippremettiet illi:

1. Illi fis-sena 1996 is-socjeta' esponenti kienet dahlet f'kuntratt tas-sub-appalt mas-socjeta' attrici sabiex din l-ahhar tfornixxi xoghol ta' aluminium fil-Bezzina Showroom, il-Marsa, propjeta' ta' klijenti tas-socjeta' esponenti.

Illi il-kuntratt li kellu valur totali ta' tnejn u tletin elf disa' mija u tmien liri Maltin u erbghin centezmu (Lm32,908.40), kien sar taht il-kundizzjoni illi s-socjeta' attrici tiehu f' idejha akkont ta' terz ta' din is-somma, u li l-bilanc ikun dovut kif ix-xoghol jigi kompletat.

Effettivament dan id-depozitu thallas permezz ta' diversi pagamenti fis-somma ta' hdax il-elf lira (Lm11,000).

Illi sussegwentement ghal dan id-depozitu is-socjeta' attrici ghamlet xi konsenji tal-meterjal ordnat, izda bi ksur flagranti tat-termini tal-ftehm, irrifjutat li taghmel konsenji ohrajn jekk ma tithallas iktar flus.

Illi b'rizultat ta' dan l-agir abbuziv is-socjeta' esponenti ma kelliex ghazla hlief li tqis li l-istess socjeta' attrici kienet b'hekk qieghda hi stess tittermina minnufih l-appalt in kwistjoni mas-socjeta' esponenti.

Illi d-depozitu illi kienet lahqet ghamlet is-socjeta' esponenti mal-firma tal-kuntratt hija sufficjenti jew kwazi

(salv li jsiru konteggi ezatti) sabiex is-socjeta' attrici tigi li tinsab imhallsa tax-xoghol li ghamlet.

Illi b'dana kollu u bl-aktar mod abbusiv, b'malizja, jew b'mod frivolu jew vessatorju, is-socjeta' attrici ricentement ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru bin-numru 181/97 kontra s-socjeta' esponenti, u dan ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u tmien liri u erbghin centezmu (Lm21,908.40) li hi tghid li huwa import ta' fornitura, manifattura u tqeghid ta' aluminium fix-showroom tas-socjeta' Joseph Bezzina & Co Limited fil-Marsa.

Illi permezz ta' protest tat-23 ta' Jannar, 1997, is-socjeta' esponenti kienet illamentat minn dan l-agir tas-socjeta' attrici u interpellata sabiex tirtira il-Mandat in kwistjoni u sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni, izda s-socjeta' attrici baqghat inadempjenti.

Illi dan l-agir jirrendi lis-socjeta' attrici responsabbli ghad-danni li qieghdin jigu kkawzati lis-socjeta' konvenuta – liema danni ma jikkonsistux biss fl-imghax legali fuq is-somma sekwestrata, izda wkoll fuq it-telf ta' qligh li ser issofri is-socjeta' esponenti, ghaliex minhabba s-sekwestru fuq imsemmi dina ingiebet f'qaghda finanzjarja tali, li ma tistax aktar tikkompleta l-appalt in kwistjoni u b'hekk ukoll allura qed tigi reza passabbli ghad-danni kontrattwali fil-konfont tad-ditta li hija l-principal taghha f'dan l-appalt – kif ukoll ghal somma ta' penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira (Lm500) u mhux izjed minn tlett elef Lira (Lm3,000) u dana skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 836 tal-Kap 12..

2. Illi il-kuntratt li kellu valur totali ta' tnejn u tletin elf disa' mija u tmien liri Maltin u erbghin centezmu (Lm32,908.40), kien sar taht il-kundizzjoni illi s-socjeta' attrici tiehu f' idejha akkont ta' terz ta' din is-somma, u li l-bilanc ikun dovut kif ix-xoghol jigi kompletat.

3. Effettivament dan id-depozitu thallas permezz ta' diversi pagamenti fis-somma ta' hdax il-elf lira (Lm11,000).

4. Illi sussegwentement ghal dan id-depozitu is-socjeta' attrici ghamlet xi konsenji tal-meterjal ordnat, izda bi ksur flagranti tat-termini tal-ftehm, irrifjutat li taghmel konsenji ohrajn jekk ma tithallas iktar flus.

5. Illi b'rizultat ta' dan l-agir abbuziv is-socjeta' esponenti ma kelliex ghazla hlief li tqis li l-istess socjeta' attrici kienet b'hekk qieghda hi stess tittermina minnufih l-appalt in kwistjoni mas-socjeta' esponenti.

6. Illi d-depozitu illi kienet lahqet ghamlet is-socjeta' esponenti mal-firma tal-kuntratt hija sufficjenti jew kwazi (salv li jsiru konteggi ezatti) sabiex is-socjeta' attrici tigi li tinsab imhallsa tax-xoghol li ghamlet.

7. Illi b'dana kollu u bl-aktar mod abbusiv, is-socjeta' attrici ricentement ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru bin-numru 181/97 kontra s-socjeta' esponenti, u dan ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u tmien liri u erbghin centezmu (Lm21,908.40) li hi tghid li huwa import ta' fornitura, manifattura u tqeghid ta' aluminium fix-showroom tas-socjeta' Joseph Bezzina & Co Limited fil-Marsa.

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-mandat msemmi bhala wiehed li gie mahrug kontra d-dispozittivi tal-artikolu 836 tal-Kap.12.

2. Tiddikjara illi s-socjeta' attrici hija responsabbli ghal hlas ta' penali skond l-istess artikolu.

3. Tillikwida l-penali fuq imsemmija.

4. Tiddikjara illi s-socjeta' attrici kkawzat danni lis-socjeta' konvenuta.

5. Tillikwida dawn id-danni.

6. Tikkundanna lis-socjeta' attrici li thallas il-penali u d-danni likwidati lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-23 ta' Jannar 1987 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 800/97 kontra s-socjeta' attrici li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' J. Lautier Co. Limited ghall-kontro-talba tas-socjeta' Ultra Services Limited** pprezentata man-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' Ultra Services Limited a fol.21 tal-process:

1. illi t-talbiet attrici kontenuti fil-kontro-talba tas-socjeta' Ultra Services Ltd huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu michuda bl-ispejjes ghad illi s-socjeta' J. Lautier Co. Limited agixxiet dejjem fil-limiti tad-drittijiet taghha meta talbet u otteniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta' Ultra Services Limited u dan sabiex tikkawtela kreditu illi hija tinsisti li huwa dovut lilha mill-istess socjeta' Ultra Services Limited.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Ivan Cutajar** a fol. 28 tal-process fejn eccepixxa:

1. illi huwa m'huwiex il-leggittimu kontradirttur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. illi huua mhuwiex debitur tas-socjeta' attrici u ghalhekk it-talba attrici in kwantu diretta kontra tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol 37 li bih gew nominati Dr. Philip Manduca u l-Perit Albert Borg Costanzi bhala periti;

Rat ir-relazzjoni a fol 136;

Rat in-noti tal-partijiet;

Semghet lil-Perit Albert Borg Costanzi in esekussjoni;

## Konkluzzjoni relazzjoni peritali

Il-periti nominati waslu ghall konkluzzjoni li kienu l-konvenuti li tterminaw l-appalt u mhux l-atturi u dana meta l-konvenuti ma kellhomx ragunijiet sufficjenti sabiex jaghmlu dana. Il-Periti ghalhekk kellhom jiddeterminaw ix-xoghol li  sar mis-socjeta’ attrici u l-kumpens dovut lilha mis-socjeta’ konvenuta. Il-periti (ara fol 151) stmaw ix-xoghol li sar mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ Lm18,394 li minnhom irid jitnaqqas l-ammont ta’ Lm11,000  diga mhallsa (oltre imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni) cjoe Lm7,394.

Dwar il-kontrotalba l-periti qalu li dina ghandha tigi michuda billi ma ngabitx prova li s-socjeta’ konvenuta sofriet danni jew gie pruvat li s-sekwestru nhareg bi vjolazzjoni tal-ligi.

Il-periti ikkonkludew ukoll li l-kjamat fil-kawza m’ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u m’ghandu jaghtiha xejn u ghalhekk stante li l-kjamata fil-kawza intalbet mis-socjeta’ konvenuta l-ispejjez ghandha tbatihom is-socjeta’ konvenuta.

## Terminazzjoni ta’ l-appalt

Skond il-periti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet taghat l-appalt lill Ivan Cutajar jew kumpanija tieghu meta kien ghadu ma giex stabbilit bejn is-socjeta’ konvenuta u s-socjeta’ attrici kemm sar xoghol mis-socjeta’ attrici. Illi irrizulta mill-provi li s-socjeta’ attrici ma kinietx itterminat il-kuntratt kif allegat mis-socjeta’ konvenuta.  Il-Periti kkonkludew li kienet is-socjeta’ konvenuta li tterminat unilaterlament l-appalt minghajr ma kellha ragunijiet bizzejjed biex tittermina l-appalt.

## Kumpens dovut

Illi l-perit tekniku a fol 16 tar-relazzjoni (jew 151 tal-process) ghamel stima tax-xoghol li sar mis-socjeta' attrici. Bhala valur totali tax-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici nkluz VAT jammonta ghall Lm19,230. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas Lm836 (5%) bhala commission. L-ammont li jrid jithallas lis-socjeta' attrici hu ta' Lm18,394 li minnu ghandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm11,000 li thallas diga lis-socjeta' attrici. Ma dana l-ammont ghandhom jizdiedu l-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**Sottomissjonijiet socjeta' attrici**

Illi s-socjeta' attrici ma qablitx ma l-ezercizzju ta' likwidazzjoni *arbitrio boni viri* effettwat mill-perit tekniku tal-valur tax-xoghol effettivament esegwit u fornut mis-socjeta' attrici skond il-valuri. F'din il-likwidazzjoni gie skartat dak li gie kuntrattat bejn il-partijiet kwantu ghall valur tax-xoghol iffissat. Skond is-socjeta' attrici l-Perit kellu jiddetermina il-percentwali tax-xoghol li sar mis-socjeta' attrici u johrog il-valur tax-xoghol skond l-ordnijiet iffirmati mill-partijiet u datati 13/10/1995; 24/10/1995 u Ordni 09171 (bla data).

Kwantu ghall imghax imsemmi mill-perit, is-socjeta' attrici tirritjeni li dan ghandu jkun dovut almenu mid-data meta gie terminat l-appalt, jekk ma jistax jigi pruvat meta saru l-fornituri. Dan minhabba l-affinita' bejn il-kuntratt ta' appalt u kuntratt ta' bejgh.

Dwar il-5% commission imnaqqsa mill-perit, is-socjeta' attrici ssostni li fil-ftehim li sar bejn il-partijiet ma jirrizulta ebda ftehim dwar hlas ta' kummissjoni u gie biss applikat unilateralment mis-socjeta' konvenuta.

**Sottomissjonijiet tal-konvenuti**

Il-konvenuti ma jaqblux li l-kjamat fil-kawza kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju imma dan il-gudizzju ghandu jivvinkolah u jaghmel stat di fronte tieghu anke jekk ma jigix kkundannat jaghmel xi hlas lill-atturi.

Il-konvenuti jikkontendu li l-kuntratt kien wiehed ta' appalt u li fic-cirkostanzi l-apprezzament tal-periti li l-atturi huma intitolati biss ghal spejjez u telf ta' qliegh huwa apprezzament korrett.

Dwar il-kummissjoni ta' 5% il-konvenuti ghamlu riferenza ghad-dok USLI (fol 611) li huwa l-ordni originali fejn giet stipulata l-kummissjoni. Il-konvenuti jsostnu li dan il-kaz huma kienu qed jagixxu bhala kuntrattur ghal kljent taghhom u ghalhekk l-istipulazzjoni ta' commission hija haga kommuni.

### Sottomissjonijiet tal-kjamat fil-kawza

Il-kjamat fil-kawza qabel mal-konkluzzjonijiet peritali. Hu pero' jissottometti, in vista ta' dak li ntqal mill-konvenuti fin-nota taghhom, li l-kawza hija msejsa unikament fuq ir-relazzjonijiet kontrattwali bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta f'liema relazzjoni l-kjamat fil-kawza hu estraneju u qatt ma jista' jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici li maghha ma kellu ebda kuntratt.

Il-kjamat fil-kawza, bhal konvenut, isostni li l-kuntratt vincolanti mhux wiehed ta' bejgh izda wiehed ta' appalt.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Kontrotalba

Illi dwar il-konkluzzjoni tal-periti fuq il-kontrotalba tal-konvenuti jidher li ma saret ebda kontestazzjoni u fil-fatt jirrizulta li s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda provi li sofriet xi danni minhabba l-hrug tas-sekwestru. Is-socjeta' attrici kienet agixxiet fil-limiti tad-drittijiet taghha meta talbet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru biex tikkwatela d-drittijiet taghha wara li l-konvenuti naqsu li jwiegbu ghall ittri li baghtet is-socjeta' attrici.

### Kjamat fil-kawza ta' Ivan Cutajar

Is-socjeta' konvenuta mhux qed taqbel mal-konkluzzjoni tal-periti li l-kjamat fil-kawza ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-istitut tal-kjamat fil-kawza m'ghandux jigi applikat, u m'ghandux ikun hemm rikors ghalih fejn il-gudizzju jkun diga' integru bil-presenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabbilta' tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor.

Jekk jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma' dan ma kellu l-ebda relazzjoni guridika, u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-legittimu kontradittur tal-konvenut, il-Qorti ma tarax kif tista' tregi fil-konfront tieghu t-talba attrici. F'kaz bhal dan il-konvenut ghandu biss jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju (ara C. Mamo pro et noe vs B. Abela noe et App 4/2/2000).
"L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment (tal-kjamat fil-kawza) huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista' jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, ikun jista' jivziluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur". (Vol. XXIX P.II, p.706) u (sentenza App Azzopardi vs Attard 27/1/97).

Fil-kaz in ezami t-talbiet attrici huma diretti kontra s-socjeta' konvenuta a bazi ta' relazzjoni kontrattwali ezistenti bejnithom. Is-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta' konvenuta ghall fornitura, manifatturar u tqeghid ta' aluminium u dana in esekuzzjoni ta' ftehim privat li sar bejnhom u s-socjeta' konvenuta. Il-kjamat fil-kawza ma jistax jigi kkundannat ihallas is-somma reklamata billi hu m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Ghalkemm il-presenza ta' Ivan Cutajar fil-kawza kienet necessarja biex jigu skjariti xi affarijiet izda l-presenza tieghu ma kelliex tkun bhala parti

fil-kawza billi hu ma kellu jirrispondi xejn ghat talba tas-socjeta’ attrici kif maghmula.

Ghalhekk il-kjamat fil-kawza ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**Terminazzjoni ta’ l-appalt**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li l-appalt li kien hemm bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta gie terminat unilaterlament mis-socjeta’ konvenuta meta dina kompliet ix-xoghol, li kien qed isir mis-socjeta’ attrici, permezz ta’ Ivan Cutajar, il-kjamat fil-kawza, li qabel kien impjegat mas-socjeta’ attrici. Is-socjeta’ attrici tirritjeni li hija qatt ma tterminat l-appalt u fil-fatt is-socjeta’ konvenuta ma gabitx prova kontra dak ritenut mis-socjeta’ attrici. Il-Qorti taqbel li t-terminazzjoni tal-appalt da parti tas-socjeta’ konvenuta kien minghajr raguni valida u ghalhekk il-periti kienu korretti meta ghaddew biex ikkalkolaw l-ispejjez kollha li kienet ghamlet is-socjeta’ attrici, x-xoghol maghmul minnha, u l-profitt li kienet ser taghmel li kieku ma giex terminat l-appalt.

**Kumpens**

Illi ma jidhirx li saret kontestazzjoni, wara r-rapport tal-periti, dwar ix-xoghol li effettivament sar mis-socjeta’ attrici qabel ma gie terminat l-appalt. Il-periti kellhom jiddeterminaw x’xoghol kien lahaq sar, billi s-socjeta’ konvenuta kienet ghaddiet l-appalt lill Ivan Cutajar, qabel ma kien gie stabbilit kemm kien sar xoghol mis-socjeta’ attrici.

Is-socjeta’ attrici mhux qed taqbel mal-perit tekniku dwar l-istima li huma ghamel ta dan ix-xoghol li lahqet ghamlet is-socjeta’ attrici, billi dana njora l-prezzijiet miftehema u mexa fuq stima *arbitrio boni viri.* Il-Qorti taqbel li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li l-volonta’ tal-kontraenti kif espressa fil-ftehim ghandha tipprevali u tigi rispettata, izda l-perit tekniku spjega ghaliex mexa kif mexa.

Fil-fatt il-perit tekniku gie eskuss fuq dana l-punt u wiegeb ghaliex mexa hekk u saret riferenza ghar-rapport (ara fol 151) fejn qal hekk:

“Illi sabiex jasal ghal kuntegg ta’ kemm kien dovut lis-socjeta’ attrici ta’ bil-fors l-esponent perit tekniku f’certi istanzi kellu jistabilixxi l-ammonti “arbitrio boni viri” u b’hekk fejn ix-xoghol ma sarx ghall intier mis-socjeta’ attrici kellha tittiehed ammont mis-somma tal-quotation u tigi aggustata u dana wara li ezamina x’materjal u labour intuza u mbaghad zied il-Vat u l-profit pro rata.

“Illi ghaldaqstant **<u>fejn l-items hemm prezz ghalihom fil-quotation dan gie addottat</u>** u gie mizjud il-Vat izda fejn, bhala fix-xoghol fuq il-vetrata gholja, nghata prezz globali, allura hemm l-esponent il-perit tekniku dahhal bhala ammont dovut lis-socjeta’ attrici biss ghax-xoghol maghmul minnha”.

Is-socjeta’ attrici wkoll ikkritikat ir-rapport peritalil billi qalet li lanqas seta l-perit tekniku ghax soggettivament qies li seta kien hemm ezagerazzjoni fil-prezz moghti fl-ordni ghall erba’ fixed frames inaqqas il-valur taghhom kif miftiehem fl-ordni maqbula bejn il-partijiet u jiffissa ammont *arbitrio boni viri.*

Il-Perit tekniku spejga dan il-punt fir-relazzjoni tieghu fejn qal: (ara fol 15)

“Meta l-perit tekniku ra u semgha diversi xhieda dwar x’sar mis-socjeta’ attrici fl-erba fixed frames fuq il-faccata fuq Aldo Moro li kienu apprezzati fil-quotation minghajr VAT fis-somma ta’ l-fuq minn Lm7,000 u wara li s-socjeta’ attrici stqarret li x-xoghol maghmul minnha fuq dawn il-fixed frames kien biss ghal frame tal-hadid li kien jammonta ghall circa Lm500 u b’hekk is-Lm7,000 xoghol bil-VAT fuq dawn l-erba frames saru mill-kjamat fil-kawza, l-esponent ma jistax jifhem kif Joseph Lautier qal fl-affidavit tieghu li l-ammont ta’ xoghol maghmul mill-kjamat fil-kawza kien biss ta’ Lm3,000 u ma kienx accetta li jsir

ftehim bonarju a bazi li l-kjamat fil-kawza kien ghamel kif qal allegatament Lm6,000 fuq is-sit kollu".

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u tikkondividihom u taghmillhom taghha. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Bonnett vs Lewis App deciza fl-1 ta' Marzu 1994: "Il-Qorti ma tissostiwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, sakemm ma jigux indikati lilha oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li taghmel dan." u "rarament ghandha l-Qorti tiddisturba l-gudizzju ta' espert tekniku sakemm ma jezistux ragunijiet gravi u serji biex taghmel dana". Il-Qorti fil-kaz in ezami thoss li l-perit kellhu jadotta sistema li tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-appalt gie terminat qabel ma sar ix-xoghol kollu, kif ukoll il-fatt li ma kienx gie stabbilit mill-ewwel meta gie terminat l-appalt kemm effettivament kienet ghamlet xoghol is-socjeta' attrici.

**Imghax**

Is-socjeta' attrici tirritjeni li l-imghax imsemmi mill-periti ghandu jkun dovut almenu mid data meta gie terminat l-appalt, jekk ma jistax jigi pruvat meta saru l-forrnituri. Dan minhabba l-affinita' bejn il-kuntratt ta' appalt u kuntratt ta' bejgh.

F'dan il-kaz il-Qorti m'ghandiex dubbju li l-ftehim kien wiehed ta' appalt u mhux ta' bejgh. Izda stante li l-obbligazzjoni kienet wahda kummercjali l-imghax hu dovut *ipso iure* minghajr htiega ta' interpellazzjoni, ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mill-31 ta' Lulju 1996 minn meta giet dovuta l-obbligazzjoni.

***Commission***

Dwar il-5% *commission* imnaqqsa mill-perit, is-socjeta' attrici ssostni li fil-ftehim li sar bejn il-partijiet ma jirrizulta ebda ftehim dwar hlas ta' kummissjoni u gie biss applikat unilateralment mis-socjeta' konvenuta.

Il-konvenuti pprezentaw dokument a fol 611 fejn tissemma dina l-*commission*. Il-Qorti hi tal-fehma li dina l-*commission* hija dovuta. F'dan il-kaz il-konvenuti ma kienux qed jixtru biss materjal minghand is-socjeta' attrici imma kienu qed jikkuntrattaw xoghol ghal klijent taghhom propretarju tas-*showroom* fejn is-socjeta' attrici kellha tahdem dan ix-xoghol.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sebat elef tlett mija u erbgha u disghin liri Maltin (Lm7,394.00) import ta' fornitura, manifatturar u tqeghid ta' aluminuim u hgieg fix-''showroom'' tas-socjeta' Joseph Bezzina & Company Limited li tinsab f'Aldo Moro Street, il-Marsa in esekuzzjoni ta' ftehim privat li kien jezisti bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta.
Bl-imghax mill-31 ta' Lulju 1996 u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.
Tillibera lill kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghas-socejta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------